KONVENZJONI

dwar l-adeżjoni tar-Repubblika Ellenika għall-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980

IL-PARTIJIET KONTRAENTI GĦOLJA GĦAT-TRATTAT LI JISTABBILIXXI L-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRAW li r-Repubblika Ellenika, ladarba saret Membru tal-Komunità, intrabtet li taderixxi għall-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu din il-Konvenzjoni, u għal dan il-fini għażlu bħala l-plenipotenzjarji tagħhom:

IL-MAESTÀ TIEGĦU R-RE TAL-BELĠJANI:

Paul DE KEERSMAEKER
Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Ewropej u l-Agrikoltura,
Deputat għall-Ministru għall-Affarijiet Esterni

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAD-DANIMARKA:

Uffe ELLEMANN-JENSEN
Ministru għall-Affarijiet Barranin tad-Danimarka

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA:

Hans-Werner LAUTENSCHLAGER
Ministru ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA ELLENIKA:

Theodoros PANGALOS
Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Ellenika

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA:

Roland DUMAS
Ministru għall-Affarijiet Ewropej tar-Repubblika Franċiża

IL-PRESIDENT TA' L-IRLANDA:

Peter BARRY
Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' l-Irlanda

IL-PRESIDENT TAR-REPUBBLIKA TALJANA:

Giulio ANDREOTTI
Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Taljana

L-ALTEZZA RJALI TIEGĦU L-GRAN DUKA TAL-LUSSEMBURGU:

Colette FLESCH
Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TA' L-OLANDA:

W.F. van EEKELEN
Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin ta' l-Olanda

H.J. Ch. RUTTEN
Ambaxxatur Straordinarju u Plenipotenzjarju
Rappreżentant Permanenti ta' l-Olanda

IL-MAESTÀ TAGĦHA R-REĠINA TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ:

The Right Honourable Sir Geoffrey HOWE QC, MP
Segretarju ta' l-Istat għall-Affarijiet Barranin u tal-Commonwealth

LI, f'laqgħa fi ħdan il-Kunsill, wara li skambjaw il-pjeni poteri tagħhom, rikonoxxuti fil-forma tajba u debita,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

L-Artikolu 1

Ir-Repubblika Ellenika b'dan taderixxi għall-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali, miftuħa għall-firma f'Ruma fid-19 ta' Ġunju 1980.

L-Artikolu 2

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jibgħat kopja ċertifikata tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali bil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Franċiża, Ġermaniża, Irlandiża u Taljana lill-Gvern tar-Repubblika Ellenika.

It-test tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali bil-lingwa Griega huwa anness ma' dan. It-test bil-lingwa Griega għandu jkun awtentiku taħt l-istess kondizzjonijiet bħat-testi l-oħra tal-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali.

L-Artikolu 3

Din il-Konvenzjoni għandha tiġi ratifikata mill-Istati Firmatarji. L-istrumenti ta' ratifika għandhom jiġu depożitati mas-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ, fir-relazzjonijiet bejn l-Istati li rratifikawha, fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika mir-Repubblika Ellenika u s-seba' Stati li rratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali.

Din il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ għal kull Stat Kontraenti li sussegwentement jirratifikaha fl-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu ta' l-istrument ta' ratifika tiegħu.

L-Artikolu 5

Is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinnotifika lill-Istati Firmatarji dwar:

(a) id-depożitu ta' kull strument ta' ratifika;

(b) id-dati tad-dħul fis-seħħ ta' din il-Konvenzjoni għall-Istati Kontraenti.

L-Artikolu 6

Din il-Konvenzjoni, imfassla f'oriġinal uniku bil-lingwa Daniża, Olandiża, Ingliża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Irlandiża u Taljana, bit-tmien testi jkunu ugwalment awtentiċi, għandha tiġi depożitata fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej. Is-Segretarju-Ġenerali għandu jibgħat kopja ċertifikata lill-Gvern ta' kull Stat Firmatarju.

Bħala xhieda ta' dan, il-firmatarji ta' hawn taħt iffirmaw din il-konvenzjoni.

Til bekræftelse heraf har undertegnede behørigt befuldmægtigede underskrevet denne konvention.

Zu Urkund dessen haben die hierzu gehörig befugten unterzeichneten Bevollmächtigten ihre Unterschriften unter dieses Übereinkommen gesetzt.

Σε πίστωση των ανωτέρω, οι υπογράφοντες πληρεξούσιοι, δεόντως εξουσιοδοτημένοι προς τούτο, έθεσαν την υπογραφή τους κάτω από την παρούσα σύμβαση.

In witness whereof the undersigned plenipotentiaries, being duly authorized thereto, have hereunto set their hands.

En foi de quoi, les plénipotentiaires soussignés, dûment autorisés à cet effet, ont apposé leurs signatures au bas de la présente convention.

Dá fhianú sin, chuir na Lánchumhachtaigh thíos-sínithe, arna n-údarú go cuí chuige sin, a lámh leis an gCoinbhinsiún seo.

In fede di che, i plenipotenziari sottoscritti, debitamente a ciò autorizzati, hanno apposto le loro firme alla presente convenzione.

Ten blijke waarvan de ondergetekenden, daartoe behoorlijk gemachtigd, hun handtekening onder dit Verdrag hebben geplaatst.

Magħmula fil-Lussemburgu, nhar l-għaxra ta' April elf disa' mija u erbgħa u tmenin.

Udfærdiget i Lussembourg, den tiende April nitten hundrede og fireogfirs.

Geschehen zu Luxemburg am zehnten April neunzehnhundertvierundachtzig.

Έγινε στο Λουξεμβούργο, στις δέκα Απριλίου χίλια εννιακόσια ογδόντα τέσσερα.

Done at Lussembourg, on the tenth day of April in the year one thousand nine hundred and eighty-four.

Fait à Lussembourg, le dix avril mil neuf cent quatre-vingt-quatre.

Arna dhéanamh i Lucsamburg, an deichiú lá de mhí Aibreáin, sa bhliain míle naoi gcéad ochtó a ceathair.

Fatto a Lussemburgo, addì dieci aprile millenovecentottantaquattro.

Gedaan te Luxemburg, de tiende April negentienhonderd vierentachtig.